MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KEVIN MOMPALAO

Seduta tas-27 ta' Frar, 2015

Talba Numru. 3/2014

**Malcolm Ellul**

**Vs**

**Sharon Calleja f'isimha propju u ezercitanti l-kummerc bl-isem 'Raven Media Productions'**

**It-Tribunal**

Ra l-avviz li permezz tieghu l-attur talab minghand il-konvenuta hlas tas-somma ta' tlett elef Ewro (€ 3000) rapprezentanti hlas ghal servizzi ta' produzzjoni rezi minn l-attur lil konvenuta fis-serje televiziva 'Eklissi'. Dan bl-ispejjes kollha u l-imghaxijiet.

Ra r-risposta ta' Sharon Calleja fejn eccepiet illi d-domandi attrici kienu nfondati fid-dritt u fil-fatt stante illi l-ftehim bejn il-partijiet kien jistipula illi l-attur kellu jattendi ghal kull seduta ta' preparazzjoni u produzzjoni tas-serje u fl-istess waqt ma kellux jaghmel xoghol simili ma haddiehor; liema zewgt kondizzjonijiet huwa kiser; in oltre l-attur kien gie offrut u accetta s-somma ta' elef ewro in totali sodisfazzjoni tad-drittijiet tieghu liema somma hu gia thallas; konsegwentament ma fadlilha thallas xejn lil attur.

Ra l-atti kollha inkluzi n-noti ta' sottomissjonjiet prezentati mill-partijiet.

Sema' x-xhieda mressqa mill-partijiet.

Ra d-dokumenti kollha esebiti.

Ra d-digriet tieghu tat-tmintax (18) ta' Frar tas-sena elfejn u hmistax (2015) li permezz tieghu din il-kawza giet imhollija ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ikkunsidra.

Illi minn l-assjiem tal-provi dan it-tribunal hu sodisfatt illi originarjament il-ftehim bejn il-partijiet f'din il-kawza kien illi l-attur jintriga mill-produzzjoni versu l-hlas ta' tlett elef Ewro (€ 3000) kif ukoll kellu jircievi hlas ta' elf ewro (€1000) bhala attur fl-istess serje televiziva. Pero dan it-Tribunal jemmen li daqshekk iehor kien mifthiem illi l-attur kellu jaghti is-servizz tieghu pjen u jkun prezenti ghal kull seduta jew almenu ghal maggor parti taghhom. Anke kieku dan ma kienx espressament mifthiem dan kien jirrispekkja l-ovvju.

Il-attendenzi ghal kull seduta esbiti a fol 79 et seq tal-process; juru illi l-attur ftit li xejn attenda ghal seduti. Minn mija u tnejn u erbghin (142) seduta l-attur attenda biss ghaxra (10). Dan it-tribunal ma ghandux ghalfejn jiddubita l-veracita u l-awtenticita tad-dokument msemmi (Riferut SC 12). L-attur minkejja l-hafna provi dokumentarji prodotti li juru li hu persuna li jzomm ir-rekords tieghu tajjeb ma gab l-ebda prova biex ixxejjen id-dokument SC 12 li f'dan il-kaz ghandu importanza kardinali.

L-attur ma jista' qatt jippretendi li jithallas ghal servizzi li ma tax jew li ta' b'mod non kuranti. Dan ukoll meta jirrizulta mill-provi illi tali nuqqasijiet tieghu kienu ta' hardship ghall-attrici u n-nies ta' maghha fil-produzzjoni taghha kif jirrizulta mill-provi . Min naha l-ohra ghal dak li ghamel, hu x'inhu, ftit jew wisq, irid jithallas.

Huwa minnu illi f'email partikolari l-konvenuta infurmat lil attur li kienet disposta thallsu u li fahhritlu dak li kien ghamel, pero f'dan l-agir dan it-tribunal ma jarax rinunzja tad-drittijiet tal-konvenuta, li ghalkemm weghdet il-hlas fl-ebda moment ma kkommettiet ruhha b'cifri.

Min naha l-ohra jidher illi s-somma ta' elf Ewro (€1000) gia mhallsa tinkwadra ruhha bhala hlas ghas-servizzi ta' attur fis-serje televiziva, u mhux xi pagament iehor a saldu kif tallega l-konvenuta fit-tieni eccezzjoni u kif sostniet fid-deposizzjoni taghha.

Dan it-Tribunal wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u wara li fela bir-reqqa l-provi kollha prodotti u minnhom analizza n-natura tas-servizzi li rrenda l-attur lil konvenuta jhoss illi hlas ta' elf Ewro (€1000) oltre dak gia mhallas ghal servzzi ta' attur, huwa kumpens gust lill-attur fic-cirkostanzi.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa' in parti t-talbiet ta' l-attur fis-sens kif fuq spjegat u filwaqt li jilqa' wkoll l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta

fis-sens spjegat; jikkundanna lil konvenuta thallas lil attur is-somma ta' elf Ewro (€1000). Bl-imghaxijiet mid-data ta' din is-sentenza l-quddiem. Fic-cirkostanzi l-ispejjes li jinkludu dawk imsemmija fl-avviz, jigu sopportati kwantu ghal zewgt terzi minn l-attur u terz mill-konvenuta.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------